

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

2.2.2009

0004/2009

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

impressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Alain Hutchinson, Gérard Deprez, Pierre Jonckheer,  
José Ribeiro e Castro u Francis Wurtz

dwar il-projbizzjoni tal-produzzjoni, tal-bejgħ u tad-distribuzzjoni ta' oġġetti u  
insinji nazzisti fl-UE

Data ta' skadenza: 7.5.2009

0004/2009

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-projbizzjoni tal-produzzjoni, tal-bejgħ u tad-distribuzzjoni ta' oġġetti u insinji nazzisti fl-UE**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi huwa attwalment possibbli li wieħed jikseb insinji u oġġetti oħra li jagħmlu parti mill-immaġni Nazzista, li jinbiegħu b'mod partikolari f'belt simbolika bħal ma hu Auschwitz imma wkoll fi bliet oħra tal-Ewropa u permezz tal-internet,
- B. billi l-bejgħ liberu ta' tali oġġetti huwa vjolazzjoni flagranti tal-prinċipji stipulati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, imma fl-istess ħin huwa kontradizzjoni flagranti għall-oġġettivi Ewropej kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-antisemitiżmu,
- C. billi, fpajjizi differenti Ewropej, iċ-ċirkolazzjoni ta' tali oġġetti u insinji hija komuni ħafna bil-pretest li huma jitqiesu bħala antikitajiet,
1. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea biex jipprojbixxu l-produzzjoni, il-bejgħ u kull forma ta' distribuzzjoni tal-insinji u oġġetti oħra, li għandhom x'jaqsmu mal-immaġni Nazzista, fl-Unjoni Ewropea;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.